SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

24 ta' Settembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttivi 2000/78/KE u 2006/54/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età jew fuq is-sess – Ġustifikazzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi taxxa fuq il-pensjonijiet imħallsa direttament lill-benefiċjarji tagħhom minn impriżi kkontrollati fil-parti l-kbira mill-Istat kif ukoll it-tneħħija tal-indiċjar tal-ammont tal-pensjonijiet – Artikoli 16, 17, 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Applikabbiltà – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-proprjetà – Ksur tal-libertà kuntrattwali – Ksur tad-dritt għall-proprjetà – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv"

Fil-Kawża C-223/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Marzu 2019, fil-proċedura

**YS**

vs

**NK AG,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, L. S. Rossi, J. Malenovský (Relatur), F. Biltgen u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Jannar 2020,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal YS, minn M. Breunig, Rechtsanwalt, u J. Hanreich, Prozessbevollmächtigter,

– għal NK, minn C. Egermann, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Valero, B.-R. Killmann u B. Bertelmann, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2020,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79), tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23), kif ukoll tal-Artikoli 16, 17, 20, 21 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn YS u NK AG dwar il-ġbir ta' ammont mill-pensjoni okkupazzjonali mħallsa direttament minnha lil YS kif ukoll it-tneħħija tal-benefiċċju tal-indiċjar ta' din il-pensjoni għas-sena 2018 li kien miftiehem kuntrattwalment.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 79/7/KEE*

3 L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215) jipprevedi li din id-direttiva tapplika għall-iskemi statutorji li jiżguraw protezzjoni kontra, b'mod partikolari, ir-riskju "tax-xjuħija".

*Id-Direttiva 2000/78*

4 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, din għandha l-għan li tistabbilixxi parametru ġenerali sabiex tikkumbatti diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

5 L-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

[...]

(b) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari, partikolari fi żvantaġġ partikolari a paragun ma' persuni oħra ħlief:
   (i) meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikun approprjati u neċessarji […]

[…]"

6 L-Artikolu 3, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni", tal-imsemmija direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

(ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]"

*Id-Direttiva 2006/54*

7 Il-premessa 30 tad-Direttiva 2006/54 tgħid li:

"L-adozzjoni ta' regoli fuq id-dmir tal-prova jilgħab irwol sinifikanti sabiex jassigura li l-prinċipju ta' trattament ugwali jista' jkun effettivament infurzat. Bħalma ddeċidiet il-Qorti tal-Gustizzja iddeċidiet, għalhekk għandhom jittieħdu dispozizzjonijiet li jiżguraw li d-dmir tal-prova jmur fuq il-konvenut fejn ikun hemm każ prima facie ta'diskriminazzjoni, barra meta jkun hemm proċeduri fejn huwa għall-qorti jew organi nazzjonali oħra kompetenti sabiex jinvestigaw il-fatti. Huwa għalhekk neċessarju li tiċċara li l-apprezzament tal-fatti minn fejn jista jkun maħsub li kien hemm diskriminazzjoini diretta jew indiretta tibqa materja għall-organu nazzjonali relevanti bi qbil mal-prattika u l-liġi nazzjonali. Il-quddiem huwa għall-Istati Membri li jintroduċu, skond proċeduri xierqa, regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għall-atturi."

8 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jiddisponi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

[…]

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużа l-paga;

(ċ) l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

[…]"

9 L-Artikolu 2(1)(b) tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "diskriminazzjoni indiretta" bħala sitwazzjoni fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament iġġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi sabiex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa.

10 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 ta' din l-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Għandha tiġi eliminata d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq il-bażi ta'sess fir-rigward ta' l-aspetti u l-kondizzjonjiet kollha ta' rimunerazzjoni għall-istess xogħol jew għal xogħol li jitqies li għandu valur ugwali."

11 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/54, li jinsab fil-Kapitolu 2, intitolat "Trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali", tat-Titolu II tagħha, huwa fformulat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

[...]

(ċ) il-kalkolu tal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji supplementari dovuti minħabba l-konjuġi jew in-nies dipendenti, u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji."

12 L-Artikolu 7(1)(a)(iii) ta' din id-direttiva jipprevedi li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 2 japplikaw għall-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali li jiżguraw protezzjoni kontra r-riskju "tax-xjuħija", inkluż fil-każ ta' rtirar kmieni.

### *Id-dritt Awstrijak*

13 L-Artikolu 1 tas-Sonderpensionenbegrenzungsgesetz (il-Liġi li Tirregola Limitu għall-Iskemi ta' Pensjonijiet Speċjali, BGBl. I, 46/2014, iktar 'il quddiem is-"SpBegrG") huwa kompost minn dispożizzjonijiet kostituzzjonali li għamlu ċerti emendi lill-Bundesverfassungsgesetz über die Begrenzung von Bezügen öffentlicher Funktionäre (il-Liġi Kostituzzjonali dwar il-Limitazzjoni ta' Remunerazzjoni ta' Uffiċjali Pubbliċi, BGBl. I, 64/1997, iktar 'il quddiem il-"BezBegrBVG"). Dan l-Artikolu 1 wessa' b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-BezBegrBVG għall-impjegati u dawk li kienu impjegati ma' persuni ġuridiċi suġġetti għall-kontroll tar-Rechnungshof (il-Qorti tal-Awdituri, l-Awstrija). Dawn tal-aħħar jinkludu l-impriżi rregolati mid-dritt privat li fihom il-Gvern Federali Awstrijak jew il-Länder differenti jeżerċitaw influwenza determinanti.

14 Għalkemm is-SpBegrG, bħala liġi federali, ma tistax taffettwa direttament il-kuntratti tal-impjegati tal-impriżi suġġetti għall-kontroll tar-Rechnungshof (il-Qorti tal-Awdituri) minħabba l-influwenza determinanti eżerċitata fuqhom mil-Länder, l-Artikolu 10(6) tal-BezBegrBVG jawtorizza lil-leġiżlatur ta' Land jadotta regoli paragunabbli għal dawk previsti fuq livell federali għall-impjegati u dawk li kienu impjegati ta' persuni ġuridiċi li fihom dan il-Land għandu sehem determinanti.

15 In-niederösterreichisches Landes- und Gemeindebezügegesetz (il-Liġi tal-Land tan-Niederösterreich dwar Remunerazzjoni Provinċjali u Muniċipali, iktar 'il quddiem in-"NÖ Landes- und GemeindebezügeG"), adottata abbażi tas-SpBegrG, tipprevedi, fl-Artikolu 24a tagħha, intitolat "Limitazzjoni tal-pensjonijiet":

"(1) Benefiċjarji ta' pensjoni tal-irtirar u benefiċċji oħra relatati magħha riżultat ta' benefiċċji definiti diretti

[…]

b. minn entitajiet legali, li abbażi ta' maġġoranza ta' ishma jew kontroll effettiv abbażi ta' miżuri finanzjarji, ekonomiċi jew organizzattivi tal-Land tan-Niederösterreich […], huma suġġetti għall-kontroll tal-Qorti tal-Awdituri,

iridu jipprovdu kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-pensjonijiet għal dak is-sehem li jaqbeż il-bażi ta' kontribuzzjoni massima fix-xahar skont l-Artikolu 45 [tal-Allgemeines Sozialversicherungsgesetz (il-Liġi Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, BGBl., 189/1955)], emendat l-aħħar mill-BGBl. I, 139/1997, u mill-Artikolu 108(1) u (3) ta' [din il-liġi], kif emendata l-aħħar mill-BGBl. I, 35/2012. Dan jgħodd ukoll għal pagamenti speċjali.

(2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja għas-salvagwardja tal-pensjonijiet għandha tinżamm mill-awtorità li tħallas u għandha tingħata lil dik l-entità legali mwaqqfa bil-liġi tal-Land jew lil dik il-kumpannija li mingħandha jinkisbu l-pensjonijiet tal-irtirar u benefiċċji oħra relatati mal-pensjoni.

(3) Il-kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-pensjonijiet tammonta għal […]"

16 L-Artikolu 711 tal-Liġi Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali (iktar 'il quddiem l-"ASVG"), introdott mill-Pensionsanpassungsgesetz 2018 (il-Liġi dwar l-Aġġustament tal-Pensjonijiet 2018, BGBl. I, 151/2017) u intitolat "Aġġustament tal-pensjonijiet għall-2018", huwa fformulat kif ġej:

"(1) B'deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 108h(1) u l-Artikolu 108(h)(2), għas-sena kalendarja 2018, iż-żieda fil-pensjonijiet għandha ssir mhux permezz tal-fattur ta' aġġustament, imma [għandha ssir] kif ġej: id-dħul totali mill-pensjoni (subparagrafu 2) għandu jiżdied

1. meta ma jkunx iktar minn EUR 1 500 fix-xahar, bi 2.2 %;

2. meta jaqbeż EUR 1 500 sa EUR 2 000 fix-xahar, bi EUR 33;

3. meta jaqbeż EUR 2 000 sa EUR 3 355 fix-xahar, b'1.6 %;

4. meta jeċċedi EUR 3 355 sa EUR 4 980 fix-xahar, b'perċentwali li tonqos b'mod lineari minn 1.6 % għal 0 %.

Jekk id-dħul totali mill-pensjoni jammonta għal iktar minn EUR 4 980 fix-xahar, ma ssir l-ebda żieda.

(2) Id-dħul totali mill-pensjoni ta' persuna hija s-somma tal-pensjonijiet kollha li din tirċievi mill-pensjoni statutorja […]. Bħala parti mid-dħul totali mill-pensjoni jgħoddu wkoll il-benefiċċji definiti diretti kollha koperti mis-[SpBegrG], jekk il-persuna benefiċjarja kellha dritt għalihom fil-31 ta' Diċembru 2017.

[…]

(6) (dispożizzjoni kostituzzjonali) L-aġġustament għas-sena kalendarja 2018 ta' benefiċċji definiti diretti koperti mis-[SpBegrG] ma għandux jaqbeż iż-żieda skont is-subparagrafu 1, meta wieħed juża bħala bażi d-dħul totali mill-pensjoni (it-tieni subparagrafu)."

17 Skont l-Artikolu 2 tal-Betriebspensionensgesetz (il-Liġi dwar il-Pensjonijiet Okkupazzjonali, BGBl. 282/1990):

"Benefiċċji fis-sens tal-Artikolu 1(1) huma obbligi tal-persuna li timpjega b'riżultat ta' dikjarazzjonijiet unilaterali, ftehimiet individwali jew riżultat ta' normi tal-mod ta' formazzjoni tal-leġiżlazzjoni kollettiva,

1. li tħallas kontribuzzjonijiet lil fond għall-pensjoni […] favur l-impjegat u s-superstiti tiegħu; li jħallas primjums għal assigurazzjoni kollettiva tal-impriża […] favur l-impjegat u s-superstiti tiegħu; […]

2. li tħallas il-benefiċċji direttament lill-impjegat u lis-superstiti tiegħu (benefiċċju definit dirett);

3. li tħallas primjum għall-assigurazzjoni tal-ħajja konkluża favur l-impjegat u s-superstiti tiegħu."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien impjegat ta' NK, kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata kkwotata fil-borża, li fiha l-Land ta' Niederösterreich għandu sehem ta' madwar 51 %.

19 Fit-2 ta' Marzu 1992, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kkonkluda kuntratt ta' pensjoni okkupazzjonali ma' NK. Dan il-ftehim kien jinkludi "benefiċċju definit dirett" favur NK, jiġifieri pensjoni okkupazzjonali, li titħallas mir-riżervi tal-kumpannija kkostitwiti minn din il-persuna li timpjega u li din tal-aħħar intrabtet li tħallas direttament lill-ħaddiem, fi tmiem ir-relazzjoni ta' xogħol. Barra minn hekk, ġiet miftiehma klawżola ta' indiċjar, li tipprovdi li d-drittijiet kollha għal pensjoni jiżdiedu bl-istess perċentwali, matul il-ħlas tal-imsemmija pensjoni okkupazzjonali, li biha jogħlew is-salarji tal-ogħla kategorija ta' impjegati, kif previst mill-ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegati tal-impriżi Awstrijaċi tas-settur ikkonċernat.

20 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali rtira fl-1 ta' April 2010. Minn dak iż-żmien, huwa jirċievi, għal dan il-għan, diversi benefiċċji relatati mal-pensjoni. B'mod partikolari, mis-17 ta' Diċembru 2010, NK tħallsu l-"benefiċċju definit dirett" previst mill-kuntratt ta' pensjoni okkupazzjonali tat-2 ta' Marzu 1992.

21 Mill-1 ta' Jannar 2015, NK bdiet iżżomm, konformement mal-Artikolu 24(a) tan-NÖ Landes- und GemeindebezügeG, kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-pensjonijiet.

22 Skont l-Artikolu 711 tal-ASVG, NK ma żiditx l-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali tar-rikorrent fil-kawża prinċipali għas-sena 2018, meta l-parti ta' din il-pensjoni mħallsa direttament kellha tiżdied bi 3 % konformement mal-indiċjar tas-salarji previst għal dik is-sena mill-ftehim kollettiv għall-impjegati tal-impriżi Awstrijaċi tas-settur ikkonċernat.

23 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt, l-Awstrija), azzjoni kontra NK intiża, minn naħa, sabiex tikkontesta l-imsemmija taxxa kif ukoll l-imsemmija assenza ta' żieda fil-pensjoni okkupazzjonali tiegħu u, min-naħa l-oħra, sabiex tikseb konstatazzjoni tad-drittijiet futuri tiegħu.

24 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-Direttivi 79/7, 2000/78 u 2006/54, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-Artikolu 24a tan-NÖ Landes- und GemeindebezügeG u l-Artikolu 711 tal-ASVG (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni") jirregolaw direttament il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali li għaliha r-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu dritt skont il-kuntratt ta' pensjoni okkupazzjonali tat-2 ta' Marzu 1992.

25 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li huma koperti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni l-persuni li jibbenefikaw minn pensjoni okkupazzjonali fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett", li l-ammont tiegħu huwa relattivament għoli, li għandu jitħallas minn persuna ġuridika suġġetta għall-kontroll tar-Rechnungshof (il-Qorti tal-Awdituri), b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-azzjonist maġġoritarju huwa Land li adotta regoli f'dan il-qasam paragunabbli ma' dawk previsti fil-livell federali.

26 Din il-qorti tindika li l-persuni li ma laħqux ċerta età ma humiex affettwati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, peress li l-ftehimiet dwar l-għoti ta' pensjoni fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" ma baqgħux jiġu konklużi fl-Awstrija matul madwar is-sena 2000. Min-naħa l-oħra, peress li dan it-tip ta' ftehim kien ġeneralment konkluż ma' persuni li kisbu numru kbir ta' snin ta' anzjanità u ċertu livell ta' responsabbiltà fi ħdan l-impriża li kienet timpjegahom, dawn illum laħqu ċerta età.

27 Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li, skont l-istatistiċi uffiċjali Awstrijaċi, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jaffettwaw fil-parti l-kbira l-pensjoni okkupazzjonali tal-irġiel.

28 Fir-rigward tal-għanijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-qorti tar-rinviju ssemmi tnejn minnhom, imsemmija mis-SpBegrG, li jikkonsistu, minn naħa, fit-tnaqqis tal-iżbilanċi maħluqa f'dak li jikkonċerna l-pensjonijiet imsejħa "speċjali" u, min-naħa l-oħra, li jiżguraw il-finanzjament sostenibbli tal-benefiċċji tal-irtirar.

29 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ġew adottati fil-forma ta' dispożizzjonijiet kostituzzjonali, prinċipalment sabiex tiġi limitata l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-validità tagħhom quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Awstrija).

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 79/7] u/jew [tad-Direttiva 2006/54] jinkludi leġżlazzjoni ta' Stat Membru meta din għandha bħala effett li numru kunsiderevolment ogħla ta' rġiel benefiċjarji ta' pensjoni tax-xogħol milli nisa benefiċjarji ta' pensjoni tax-xogħol jitneħħewlhom ammonti mill-ex persuna li timpjegahom waqt il-ħlas ta' dawn il-pensjoniijet tax-xogħol u li dawn l-ammonti jistgħu jintużaw liberament mill-ex persuna li timpjega, u tali leġiżlazzjoni hija diskriminatorja fis-sens ta' dawn id-direttivi?

2) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 2000/78] jinkludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tiddiskrimina fuq il-bażi tal-età minħabba li taffettwa fuq il-livell finanzjarju esklużivament persuni anzjani li huma benefiċjarji, skont id-dritt privat, ta' pensjoni tax-xogħol konkluża taħt il-forma ta' benefiċċju definit dirett, filwaqt li l-persuni żgħar jew iżgħar li kkonkludew kuntratti ta' pensjoni tax-xogħol ma humiex affettwati finanzjarjament?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-[Karta], b'mod partikolari l-projbizzjonijiet ta' diskriminazzjoni previsti fl-Artikoli 20 u 21, għandhom jiġu applikati għall-pensjonijiet tax-xogħol ukoll meta l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ma tinkludix diskriminazzjoni pprojbita mid-Direttivi [79/7, 2000/78 u 2006/54]?

4) L-Artikoli 20 *et seq.* tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timplimenta d-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta u li tiddiskrimina fuq il-bażi tas-sess, tal-età, tal-proprjetà jew fuq bażijiet oħra, bħas-sitwazzjoni finanzjarja li fiha tinsab attwalment l-ex persuna li timpjegahom, kontra l-persuni benefiċjarji ta' pensjoni tax-xogħol skont id-dritt privat fir-rigward ta' persuni oħra benefiċjarji ta' pensjoni tax-xogħol, u l-Karta tipprojbixxi tali diskriminazzjonijiet?

5) Leġiżlazzjoni interna li tobbliga biss grupp żgħir ta' persuni benefiċjarji, skont kuntratt, ta' pensjoni tax-xogħol fil-forma ta' benefiċċju definit dirett, li jitneħħewlhom ammonti mill-ex persuna li timpjegahom tiddiskrimina wkoll fuq il-bażi tal-proprjetà fis-sens tal-Artikolu 21 tal-Karta meta huma kkonċernati biss persuni li jirċievu pensjonijiet tax-xogħol għolja?

6) L-Artikolu 17 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, direttament b'saħħa ta' liġi u mingħajr kumpens, intervent esproprjatorju f'kuntratt konkluż bejn żewġ individwi li jikkonċerna pensjoni tax-xogħol fil-forma ta' benefiċċju definit dirett, intervent li jippenalizza ex imgjegat ta' impriża, li tkun antiċipat il-ħlas tal-pensjoni tax-xogħol u li ma għaddietx minn diffikultajiet ekonomiċi?

7) Obbligu legali fuq l-ex persuna li timpjega ta' persuna benefiċjarja ta' pensjoni tax-xogħol li ma titħallasx parti mill-ammont miftiehem (tal-pensjoni tax-xogħol miftehma) jikkostitwixxi, inkwantu ksur tal-libertà kuntrattwali, ksur tad-dritt għall-proprjetà tal-persuna li timpjega?

8) L-Artikolu 47 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tesproprja direttament b'saħħa ta' liġi u ma tipprevedi ebda possibbiltà oħra li tiġi kkontestata l-esproprjazzjoni ħlief bl-introduzzjoni kontra l-benefiċjarju tal-esproprjazzjoni (l-ex persuna li timpjega u debitur tal-kuntratt ta' pensjoni) ta' talba għad-danni u rimbors tal-ammont esproprjat ikkonċernat?"

**Fuq id-domandi preliminari**

***Fuq l-ewwel parti tal-ewwel u tat-tieni domanda***

31 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttivi 79/7, 2000/78 u 2006/54 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħhom, minn naħa, parti mill-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali li l-persuna li timpjega tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallas direttament lil dak li kien ħaddiem tagħha, għandhiex tittieħed f'ras il-għajn mill-imsemmija persuna li timpjega u, min-naħa l-oħra, li l-indiċjar tal-ammont ta' dan il-benefiċċju, li ġie miftiehem kuntrattwalment, jiġi mċaħħad minn effett.

32 F'dan ir-rigward, hemm lok, fl-ewwel lok, li jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 79/7, din tapplika biss għall-iskemi statutorji li jiżguraw protezzjoni kontra, b'mod partikolari, ir-riskju "tax-xjuħija" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Elbal Moreno, C-385/11, EU:C:2012:746, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Min-naħa l-oħra, benefiċċji mogħtija taħt skema ta' pensjoni, li essenzjalment hija relatata mal-impjieg tal-persuna kkonċernata, jifformaw parti mir-remunerazzjoni li din il-persuna tirċievi u jaqgħu fil-kuntest tal-Artikolu 157(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji), C-192/18, EU:C:2019:924, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, dawn jikkostitwixxu "remunerazzjonijiet" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2019, E.B., C-258/17, EU:C:2019:17, punti 44 u 48).

34 Barra minn hekk, mill-Artikolu 1(ċ) u mill-Artikolu 5(ċ) tad-Direttiva 2006/54 jirriżulta li din tikkonċerna l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali. Issa, diġà ġie deċiż li l-iskemi ta' pensjonijiet imħallsa lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-persuna pubblika li timpjega jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/54 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji), C-192/18, EU:C:2019:924, punti 72 u 73).

35 Minn dan isegwi li pensjoni, bħall-"benefiċċju definit dirett" li r-rikorrent fil-kawża prinċipali jirċievi mingħand il-persuna li kienet timpjegah minħabba r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu ma' din tal-aħħar, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni mhux tad-Direttiva 79/7, iżda tad-Direttivi 2000/78 u 2006/54.

36 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, li jipprovdu li, minn naħa, parti mill-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali li l-persuna li timpjega tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallas direttament lil dak li kien ħaddiem tagħha, għandha tittieħed f'ras il-għajn mill-imsemmija persuna li timpjega u, min-naħa l-oħra, li l-indiċjar tal-ammont ta' dan il-benefiċċju, li ġie miftiehem kuntrattwalment, jiġi mċaħħad minn effett, iwasslu għal tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni li din il-kumpannija ntrabtet li tħallas lil dak li kien ħaddiem tagħha. Minħabba dan il-fatt, huma jaffettwaw il-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni ta' dan tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78, u l-iskema okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, fis-sens tal-Artikolu 5(ċ) tad-Direttiva 2006/54. Għaldaqstant, dawn id-direttivi japplikaw għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, Lesar, C-159/15, EU:C:2016:451, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mit-tagħlim li jirriżulta mis-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, C (C-122/15, EU:C:2016:391), imsemmija mill-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li fil-punt 30 tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali dwar taxxa addizzjonali fuq id-dħul minn pensjonijiet tal-irtirar ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78.

38 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha, fil-punti 25 u 26 tal-imsemmija sentenza, fuq iċ-ċirkustanza li t-tilwima li tat lok għaliha ma kinitx tirrigwarda l-modalitajiet jew il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-ammont tal-benefiċċji mħallsa lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-persuna li kienet timpjegah, iżda fuq ir-rata ta' tassazzjoni tad-dħul minn pensjonijiet tal-irtirar, peress li tali taxxa, li tirriżulta direttament u esklużivament mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, kienet esterna għar-relazzjoni ta' xogħol u, għaldaqstant, għad-determinazzjoni tar-"remunerazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 157(2) TFUE.

39 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel parti tal-ewwel u tat-tieni domanda għandha tkun li d-Direttivi 2000/78 u 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħhom, minn naħa, parti mill-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali li l-persuna li timpjega tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallas direttament lil dak li kien ħaddiem tagħha, għandha tittieħed f'ras il-għajn mill-imsemmija persuna li timpjega u, min-naħa l-oħra, li l-indiċjar tal-ammont ta' dan il-benefiċċju, li ġie miftiehem kuntrattwalment, jiġi mċaħħad minn effett.

### *Fuq it-tieni parti tal-ewwel domanda*

40 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2006/54 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, meta huma ħafna iktar il-benefiċjarji rġiel milli nisa li huma affettwati minn din il-leġiżlazzjoni.

41 Skont l-Artikolu 5(ċ) tad-Direttiva 2006/54, kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess hija pprojbita fil-kalkolu tal-benefiċċji fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali li, konformement mal-Artikolu 7(1)(a)(iii) ta' din id-direttiva, jiżguraw protezzjoni, b'mod partikolari, kontra r-riskju "tax-xjuħija".

42 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex direttament diskriminatorji, peress li japplikaw mingħajr distinzjoni għal ħaddiema rġiel u għal ħaddiema nisa.

43 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali twassalx għal diskriminazzjoni indiretta, din hija ddefinita, għall-finijiet tad-Direttiva 2006/54, fl-Artikolu 2(1)(b) ta' din tal-aħħar, bħala sitwazzjoni fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament iġġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi sabiex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa.

44 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-persuni żvantaġġati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni huma dawk li kienu impjegati ta' impriżi kkontrollati mill-Istat li jirċievu pensjoni fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" li l-ammont tagħha jaqbeż ċerti limiti. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 24a tan-NÖ Landes- und GemeindebezügeG jipprevedi l-ħlas ta' kontribuzzjoni għas-salvagwardja tal-pensjonijiet għall-parti ta' tali benefiċċju li taqbeż l-ammont fix-xahar tal-bażi ta' kontribuzzjoni massima, konformement mal-ASVG. Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Awstrijak indika li dan l-ammont fix-xahar kien jammonta għal EUR 5 370 gross għas-sena 2020. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 711(6) tal-ASVG, ebda żieda ta' benefiċċju previst mis-SpBegrG, bħall-"benefiċċju definit dirett" inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma setgħet issir għas-sena 2018 jekk l-ammont akkumulat tal-pensjonijiet kollha tal-persuna kkonċernata kien ta' iktar minn EUR 4 980 fix-xahar.

45 Għall-finijiet tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54, is-sitwazzjoni tal-persuni msemmija mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma tistax tiġi pparagunata ma' dik ta' dawk li kienu ħaddiema ta' impriżi li ma humiex ikkontrollati mill-Istat jew ma' dik tal-persuni li jirċievu pensjoni okkupazzjonali taħt forma li ma hijiex "benefiċċju definit dirett", bħall-ħlasijiet ta' fond ta' pensjoni jew ta' assigurazzjoni tal-ħajja. Fil-fatt, b'differenza mill-pensjonijiet imħallsa liż-żewġ kategoriji ta' persuni msemmija iktar 'il fuq, l-Istat Federali jew il-Land ikkonċernat jikkontrolla lill-persuni li jimpjegaw lill-ħaddiema li jibbenefikaw minn "benefiċċju definit dirett" u l-fondi intiżi għall-pensjonijiet tal-imsemmija ħaddiema.

46 Hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sitwazzjonijiet li għandhom jiġu pparagunati huma, fost il-persuni li jirċievu pensjoni fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" ta' impriża kkontrollata mill-Istat, dik tal-persuni affettwati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni minħabba l-ammont ta' dan il-benefiċċju u dik tal-persuni li ma humiex.

47 Minn dan jirriżulta li l-kriterju apparentement newtrali, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54, li jagħti lok għal differenza fit-trattament minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni għandu jitqies li huwa l-ammont tal-benefiċċji ddeterminat minn dawn tal-aħħar, peress li huma biss il-benefiċjarji tal-pensjonijiet li l-ammont tagħhom jaqbeż ċerti limiti li huma żvantaġġati minn dawn id-dispożizzjonijiet.

48 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-punt dwar jekk din id-differenza fit-trattament tiżvantaġġax b'mod partikolari lill-persuni ta' sess meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, il-qorti tar-rinviju tillimita ruħha li tirrileva li, skont l-istatistiċi uffiċjali Awstrijaċi, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jaffettwaw fil-parti l-kbira lill-irġiel.

49 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza ta' tali żvantaġġ partikolari tista' tiġi stabbilita, b'mod partikolari, jekk jiġi pprovat li leġiżlazzjoni nazzjonali taffettwa b'mod negattiv proporzjon sinjifikattivament ikbar ta' persuni ta' sess meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Kif jirriżulta wkoll mill-premessa 30 tad-Direttiva 2006/54, l-evalwazzjoni tal-fatti li jippermettu li tiġi preżunta l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta għandha ssir mill-qorti nazzjonali, konformement mad-dritt nazzjonali jew mal-prattiki nazzjonali li jistgħu jipprevedu, b'mod partikolari, li

d-diskriminazzjoni indiretta tista' tiġi stabbilita b'kull mezz, inkluż abbażi ta' data statistika (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għalhekk, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa sa fejn id-data statistika prodotta quddiemha hija affidabbli u jekk din tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, jiġifieri jekk, b'mod partikolari, hijiex l-espressjoni ta' fenomeni purament fortuwiti jew okkażjonali u jekk hijiex suffiċjentement sinjifikattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Fir-rigward tad-data statistika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, minn naħa, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li fiha d-differenza fit-trattament toriġina u, min-naħa l-oħra, li l-aħjar metodu ta' paragun jikkonsisti fit-tqabbil tal-proporzjonijiet rispettivi tal-ħaddiema li huma u li ma humiex affettwati mill-allegata differenza fit-trattament fi ħdan il-ħaddiema rġiel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni u l-istess proporzjonijiet fi ħdan il-ħaddiema nisa li jaqgħu f'din (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2007, Voß, C-300/06, EU:C:2007:757, punti 40 u 41, kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan, C-274/18, EU:C:2019:828, punt 47).

53 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, dawk li kienu ħaddiema ta' entità suġġetta għall-kontroll tar-Rechnungshof (il-Qorti tal-Awdituri) li jibbenefikaw minn pensjoni okkupazzjonali fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni.

54 Konsegwentement, kif indikat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 65 sa 67 tal-konklużjonijiet tagħha, jekk l-istatistika disponibbli effettivament turi li l-perċentwali ta' dawk li kienu ħaddiema li l-ammont ta' tali pensjoni okkupazzjonali ġie affettwat mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni hija kunsiderevolment ħafna ogħla fost l-irġiel li kienu ħaddiema tagħha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn milli fost in-nisa li kienu ħaddiema tagħha li jaqgħu taħt dawn, għandu jitqies li tali sitwazzjoni turi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, li tmur kontra l-Artikolu 5(ċ) tad-Direttiva 2006/54, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex iġġustifikati minn fatturi oġġettivi li ma humiex relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Voß, C-300/06, EU:C:2007:757, punt 42).

55 Fil-fatt, u fit-tielet lok, jekk jiġi preżunt li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni taw lok għal differenza fit-trattament li tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, hija dik il-qorti li għandha teżamina sa fejn tali differenza fit-trattament tista' madankollu tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma humiex relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54.

56 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan huwa b'mod partikolari l-każ jekk il-mezzi magħżula jissodisfaw għan leġittimu ta' politika soċjali, huma adatti sabiex jilħqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u huma neċessarji għal dan il-għan, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu li huma xierqa sabiex jiggarantixxu l-għan invokat ħlief jekk dawn jissodisfaw verament l-intenzjoni li dan jintlaħaq u jekk huma implimentati b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punti 53 u 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, huma u jagħżlu l-miżuri li jistgħu jwettqu l-għanijiet tal-politika soċjali u tal-impjieg tagħhom, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' (sentenzi tas-6 ta' April 2000, Jørgensen, C-226/98, EU:C:2000:191, punt 41, u tal-20 ta' Ottubru 2011, Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punt 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, minkejja li fl-aħħar lok hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiddetermina jekk u sa fejn id-dispożizzjoni leġiżlattiva kkonċernata hija ġġustifikata minn tali fattur oġġettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja, imsejħa sabiex tipprovdi lil din b'risposti utli fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti indikazzjonijiet, misluta mill-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li jkunu ppreżentati quddiemha, ta' natura li jippermettu lill-qorti nazzjonali tasal għal deċiżjoni (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li s-SpBegrG, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni huma marbuta mill-qrib magħha, tfittex żewġ għanijiet, jiġifieri, minn naħa, li tnaqqas l-iżbilanċi maħluqa f'dak li jikkonċerna l-pensjonijiet imsejħa "speċjali", li, kif jindika l-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, huma "pensjonijiet supplimentari barra mill-iskemi normali tal-pensjonijiet", u, min-naħa l-oħra, li tiżgura l-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet tal-irtirar. Il-Gvern Awstrijak ikkonferma dawn l-għanijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, billi ppreċiża li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni huma intiżi b'mod iktar preċiż sabiex jikkumpensaw l-iżbilanċi fil-livell tal-għoti tal-benefiċċji tal-irtirar li fl-aħħar mill-aħħar huma ffinanzjati mill-Istat. Barra minn hekk, dan il-gvern indika li tali pensjonijiet jikkostitwixxu spejjeż finanzjarji kbar għall-impriżi kkonċernati, li jirriskjaw li jkollhom riperkussjonijiet indiretti fuq il-baġit tal-Istat, b'mod partikolari minħabba t-tqassim baxx ta' dividendi.

60 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kunsiderazzjonijiet baġitarji ma jistgħux jiġġustifikaw diskriminazzjoni għad-detriment ta' wieħed mis-sessi (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker, C-4/02 u C-5/02, EU:C:2003:583, punt 85 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Min-naħa l-oħra, l-għanijiet li jikkonsistu f'li jiġi żgurat il-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet tal-irtirar u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-livelli tal-pensjonijiet iffinanzjati mill-Istat jistgħu jitqiesu, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandhom l-Istati Membri, li jikkostitwixxu għanijiet leġittimi ta' politika soċjali li ma humiex relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

62 F'dan il-każ, u bla ħsara għall-verifiki li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmel f'dan ir-rigward, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dispożizzjonijiet nazzjonali huma ta' natura li jersqu lejn tali għanijiet. Minn naħa, kemm iż-żamma ta' parti mill-benefiċċju li għandu jitħallas kif ukoll l-assenza ta' żieda fl-ammont tiegħu huma ta' natura li jippermettu l-kostituzzjoni ta' riżervi għall-obbligi futuri ta' ħlas. F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu, kif enfasizzaw ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kif ukoll NK waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ammonti hekk ekonomizzati jistgħu bħala prinċipju jintużaw għall-finijiet kollha mill-impriżi kkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li, dejjem bla ħsara għall-istess verifiki, l-Istat, fil-każ ta' sehem maġġoritarju, għandu influwenza suffiċjenti fuq l-imsemmija impriża sabiex jiggarantixxi finanzjament adegwat minnha tal-pensjonijiet tal-irtirar inkwistjoni.

63 Min-naħa l-oħra, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jolqtu biss il-benefiċċji li l-ammont tagħhom jaqbeż ċertu limitu, huma għandhom bħala effett li jqarrbu lil dawn tal-aħħar għal-livell ta' pensjonijiet iktar dgħajfa.

64 Barra minn hekk, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, l-imsemmija dispożizzjonijiet huma implimentati b'mod koerenti u sistematiku sa fejn japplikaw għall-pensjonijiet kollha mogħtija fil-forma ta' "benefiċċji definiti diretti" mill-istituzzjonijiet u l-impriżi direttament jew indirettament suġġetti għall-kontroll tal-Istat, li għalihom ir-riżervi kkostitwiti permezz tal-ammonti miżmuma jew mhux mogħtija huma għaldaqstant disponibbli sabiex jiffinanzjaw obbligi futuri ta' pensjoni.

65 Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jidhrux li jwasslu għal miżuri li jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti, b'mod partikolari sa fejn dawn jieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet kontributtivi tal-persuni kkonċernati, sa fejn kemm l-ammonti miġbura

skont l-Artikolu 24 tan-NÖ Landes- und GemeindebezügeG kif ukoll il-limitazzjonijiet ta' żieda tal-pensjonijiet previsti fl-Artikolu 711 tal-ASVG huma mifruxa skont l-ammonti tal-benefiċċji mogħtija.

66 Barra minn hekk, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-għan li jiġi żgurat il-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet tal-irtirar, il-fatt li impriża partikolari, bħal NK, setgħet ikkostitwixxiet riżervi suffiċjenti għal dan il-għan ma jistax fih innifsu jikkontesta n-natura neċessarja tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, peress li, kif tirrileva l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dawn jirrigwardaw l-impriżi kollha miżmuma fil-parti l-kbira mill-Istat Federali u mil-Land ta' Niederösterreich.

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni parti tal-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(ċ) u l-Artikolu 7(a)(iii) tad-Direttiva 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, minkejja li l-perċentwali ta' dawk li kienu ħaddiema tagħha li l-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali tagħhom ġie affettwat mill-imsemmija leġiżlazzjoni hija kunsiderevolment ħafna ogħla fost l-irġiel li kienu ħaddiema tagħha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din milli fost in-nisa li kienu ħaddiema tagħha, sakemm dawn il-konsegwenzi huma ġġustifikati minn fatturi oġġettivi li ma humiex relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

*Fuq it-tieni parti tat-tieni domanda*

68 Permezz tat-tieni parti tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2000/78 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, meta din il-leġiżlazzjoni taffettwa biss lill-benefiċjarji li jkunu qabżu ċerta età.

69 Skont l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva 2000/78, kull diskriminazzjoni indiretta bbażata, b'mod partikolari, fuq l-età hija pprojbita. Hemm diskriminazzjoni indiretta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tista' tkun tinvolvi żvantaġġ partikolari għal persuni ta' età partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra sakemm din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika ma tkunx oġġettivament iġġustifikata b'għan leġittimu u sakemm il-mezzi għat-twettiq ta' dan l-għan ma jkunux xierqa u neċessarji (sentenza tas-7 ta' Frar 2019, Escribano Vindel, C-49/18, EU:C:2019:106, punti 41 u 42).

70 Skont il-qorti tar-rinviju, l-eżistenza eventwali ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età hija bbażata fuq il-fatt li ebda kuntratt ta' pensjoni fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" ma ġie konkluż fl-Awstrija mis-sena 2000, b'tali mod li huma biss il-persuni li laħqu ċerta età li huma affettwati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, peress li l-kuntratti ta' pensjoni okkupazzjonali għall-persuni l-oħra ġew konklużi fuq il-mudell tal-fondi ta' pensjoni jew tal-assigurazzjoni.

71 Issa, bħal fil-każ ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, kif jirriżulta mill-punti 45, 49 u 52 ta' din is-sentenza, diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età tista' tiġi kkonstatata biss jekk jiġi pprovat li leġiżlazzjoni nazzjonali taffettwa negattivament, u mingħajr ġustifikazzjoni, proporzjon

sinjifikattivament ikbar ta' persuni ta' età partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra. Għal dan il-għan, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li minnha toriġina d-differenza fit-trattament.

72 Minn dan isegwi li, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età, il-persuni żvantaġġati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jistgħux jiġu pparagunati ma' persuni li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, bħalma huma l-persuni li kkonkludew kuntratt ta' pensjoni fuq il-mudell tal-fondi ta' pensjoni jew tal-assigurazzjoni.

73 Barra minn hekk, kif fakkret l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sempliċi fatt li fir-rigward tal-persuni li ma jkunux laħqu ċerta età jiġi applikat kuntest ġuridiku ġdid ma jistax jagħti lok għal diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età għad-detriment ta' persuni oħra, li għalihom japplika l-kuntest ġuridiku l-antik (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Horgan u Keegan, C-154/18, EU:C:2019:113, punt 28).

74 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju ma pprovdietx indikazzjonijiet li, fost il-persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, jiġifieri l-benefiċjarji ta' pensjoni mħallsa minn impriża kkontrollata mill-Istat fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett", proporzjon sinjifikattivament ikbar ta' persuni li laħqu ċerta età huwa żvantaġġat minnhom.

75 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni parti tat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, meta din il-leġiżlazzjoni taffettwa biss lill-benefiċjarji li jkunu qabżu ċerta età.

*Fuq it-tielet sas-seba' domanda*

76 Permezz tat-tielet sas-seba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 16, 17, 20 u 21 tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni.

77 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għalihom biss meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

78 Għandu jitfakkar ukoll li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta huma intiżi li jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni u li għandhom għalhekk jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt (sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli), C-235/17, EU:C:2019:432, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Madankollu, fil-qasam ikkonċernat, huwa importanti li d-dritt tal-Unjoni jimponi obbligi speċifiċi fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 35).

80 Issa, f'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 40 sa 67 ta' din is-sentenza, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jistgħu jagħtu lok għal differenza fit-trattament ibbażata fuq is-sess li, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-Direttiva 2006/54. Kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 98 tal-konklużjonijiet tagħha, dawn huma għalhekk suġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni, sa fejn id-determinazzjoni u l-kalkolu tal-benefiċċji fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali għandhom isiru mingħajr diskriminazzjoni kuntrarja għal din id-direttiva kif ukoll għad-Direttiva 2000/78.

81 Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ggarantiti minn din tal-aħħar.

82 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, l-Artikolu 20 tal-Karta jistabbilixxi l-prinċipju ta' ugwaljanza fid-dritt ta' kull persuna. Skont l-Artikolu 21(1) ta' din il-Karta, kull diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq is-sess, l-età jew il-proprjetà hija pprojbita.

83 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta jadottaw miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, li tikkonkretizza, fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'osservanza ta' din id-direttiva (sentenza tal-21 ta' Jannar 2015, Felber, C-529/13, EU:C:2015:20, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom, meta jadottaw miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54, li tikkonkretizza, fl-imsemmi qasam, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, jaġixxu b'osservanza ta' din l-aħħar direttiva.

84 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domandi tal-qorti tar-rinviju dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u s-sess għandhom jiġu eżaminati, kif inhuma eżaminati fil-kuntest tar-risposti għall-ewwel u għat-tieni domanda, biss fir-rigward tad-Direttivi 2000/78 u 2006/54 rispettivament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez, C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 25).

85 Fir-rigward ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-proprjetà, jekk wieħed jassumi li jista' jiġi stabbilit li d-differenza fit-trattament identifikata fil-punt 46 ta' din is-sentenza, jiġifieri li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jaffettwaw biss pensjonijiet li l-ammont tagħhom jaqbeż ċertu limitu, jiżvantaġġa b'mod partikolari l-persuni li għandhom ċerta proprjetà, tali ċirkustanza tista' tiġi ġġustifikata f'dan il-każ għar-raġunijiet li ġew esposti fil-punti 61 sa 66 ta' din is-sentenza, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, tali dispożizzjonijiet ma jinvolvux ksur tal-Artikolu 20 u tal-Artikolu 21(1) tal-Karta f'dan ir-rigward.

86 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-Artikolu 16 tal-Karta, għandu jitfakkar li taqa' taħt il-libertà ta' intrapriża ggarantita minnu l-libertà kuntrattwali msemmija fis-seba' domanda preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 42). Hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 110 tal-konklużjonijiet tagħha, din il-libertà tinkludi dik li jiġi ffissat jew li jiġi nnegozjat il-prezz ta' servizz.

87 Minn dan jirriżulta li dispożizzjonijiet, bħad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, jikkostitwixxu limitazzjoni għal-libertà kuntrattwali meta jobbligaw lill-impriżi kkonċernati jħallsu lil dawk li kienu impjegati tagħhom pensjoni fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" li l-ammont tagħha huwa inqas minn dak li ġie miftiehem kuntrattwalment.

88 Madankollu, il-libertà tal-intrapriża ma tikkostitwixxix prerogattiva assoluta, iżda għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà u tista' għalhekk tiġi suġġetta għal interventi tal-awtorità pubblika li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minn din tal-aħħar għandha tkun prevista

mil-liġi u għandha tirrispetta l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u għandha, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun neċessarja u effettivament tissodisfa l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38, C-477/14, EU:C:2016:324, punti 157 sa 160).

89 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-limitazzjoni tal-libertà kuntrattwali msemmija fil-punt 87 ta' din is-sentenza kienet prevista mil-liġi u tirrispetta l-kontenut essenzjali ta' din il-libertà peress li twassal biss għal ċaħda parzjali ħafna tal-ħlas tal-pensjonijiet ta' impriża li kienu ġew innegozjati u miftiehma bejn l-impriża kkonċernata u l-ħaddiema tagħha. Barra minn hekk, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, din iċ-ċaħda tissodisfa l-għanijiet ta' interess ġenerali li huma l-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet tal-irtirar iffinanzjati mill-Istat u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-livelli tal-imsemmija pensjonijiet. Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-punti 61 sa 66 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li l-imsemmija limitazzjoni tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, b'tali mod li ma tmurx kontra l-Artikolu 16 tal-Karta.

90 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-Artikolu 17(1) tal-Karta li jistabbilixxi d-dritt għall-proprjetà, għandu jitfakkar li l-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni tirrigwarda drittijiet li għandhom valur patrimonjali li minnhom tirriżulta, fid-dawl tal-ordinament ġuridiku, pożizzjoni ġuridika miksuba li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet mid-detentur tagħhom u għall-benefiċċju tad-detentur tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 34).

91 Għandu jiġi kkunsidrat li l-konklużjoni ta' kuntratt dwar pensjoni okkupazzjonali toħloq interess patrimonjali fir-rigward tal-benefiċjarju ta' din il-pensjoni. Barra minn hekk, iż-żamma mill-impriża kkonċernata ta' parti mill-ammont miftiehem kuntrattwalment u n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-indiċjar miftiehem kuntrattwalment jaffettwaw l-imsemmi interess patrimonjali. Madankollu, id-dritt iggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta ma huwiex ta' natura assoluta, b'tali mod li ma jistax jiġi interpretat bħala li jagħti dritt għal pensjoni ta' ammont speċifiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et*, C-258/14, EU:C:2017:448, punti 50 u 51).

92 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 88 ta' din is-sentenza, kull limitazzjoni għall-imsemmi dritt għall-proprjetà għandha tkun prevista mil-liġi, tosserva l-kontenut essenzjali tagħha u, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun neċessarja u effettivament tissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni. Issa, il-limitazzjonijiet tad-drittijiet tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma previsti mil-liġi. Barra minn hekk, huma jillimitaw biss parti mill-ammont totali tal-pensjonijiet fil-forma ta' "benefiċċju definit dirett" ikkonċernati, b'tali mod li ma jistgħux jitqiesu li jaffettwaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet. Barra minn hekk, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, dawn ir-restrizzjonijiet jidhru neċessarji u jissodisfaw effettivament l-għanijiet ta' interess ġenerali li huma l-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet tal-irtirar iffinanzjati mill-Istat u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-livelli tal-imsemmija pensjonijiet.

93 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet sas-seba' domanda għandha tkun li l-Artikoli 16, 17, 20 u 21 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni.

*Fuq it-tmien domanda*

94 Permezz tat-tmien domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 47 tal-Karta għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jastjeni milli jipprevedi, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, rimedju awtonomu intiż, prinċipalment, sabiex tiġi eżaminata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw dan id-dritt.

95 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni huma marbuta mill-qrib mal-Artikolu 1 tas-SpBegrG jew ġew adottati fl-estensjoni diretta tagħha. Peress li dan tal-aħħar huwa magħmul minn dispożizzjonijiet kostituzzjonali, il-possibbiltajiet li jiġu kkontestati d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni b'mod ġudizzjarju quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) jitnaqqsu, b'tali mod li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu kkontestati biss b'mod inċidentali, permezz tal-preżentata ta' rikors taħt id-dritt privat kontra s-sieħeb kuntrattwali tal-pensjoni okkupazzjonali.

96 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta ma jirrikjedix, bħala tali, l-eżistenza ta' rimedju awtonomu intiż, prinċipalment, sabiex jikkontesta l-konformità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, sakemm jeżisti rimedju ġudizzjarju wieħed jew iktar li jippermettu, b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwu jislet mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Novembru 2019, Deutsche Lufthansa, C-379/18, EU:C:2019:1000, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Peress li l-qorti tar-rinviju tindika li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jistgħu jiġu kkontestati b'mod inċidentali, ma jistax jiġi kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba l-assenza ta' rimedju awtonomu.

98 Konsegwentement, ir-risposta għat-tmien domanda għandha tkun li l-Artikolu 47 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jastjeni milli jipprevedi, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, rimedju awtonomu intiż, prinċipalment, sabiex tiġi eżaminata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw dan id-dritt, sakemm tkun teżisti l-possibbiltà ta' tali eżami b'mod inċidentali.

**Fuq l-ispejjeż**

99 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, u d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħhom, minn naħa, parti mill-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali li l-persuna li timpjega tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallas direttament lil dak li kien ħaddiem tagħha, għandha tittieħed f'ras il-għajn mill-imsemmija persuna li timpjega u, min-naħa l-oħra, li l-indiċjar tal-ammont ta' dan il-benefiċċju, li ġie miftiehem kuntrattwalment, jiġi mċaħħad minn effett.**

2) **L-Artikolu 5(ċ) u l-Artikolu 7(a)(iii) tad-Direttiva 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, minkejja li l-perċentwali ta' dawk li kienu ħaddiema tagħha li l-ammont tal-pensjoni okkupazzjonali tagħhom ġie affettwat mill-imsemmija leġiżlazzjoni hija kunsiderevolment ħafna ogħla fost l-irġiel li kienu ħaddiema tagħha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din milli fost in-nisa li kienu ħaddiema tagħha, sakemm dawn il-konsegwenzi huma ġġustifikati minn fatturi oġġettivi li ma humiex relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

3) **L-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni, meta din il-leġiżlazzjoni taffettwa biss lill-benefiċjarji li jkunu qabżu ċerta età.**

4) **L-Artikoli 16, 17, 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-benefiċjarji ta' pensjoni li impriża kkontrollata mill-Istat tkun intrabtet, permezz ta' ftehim, li tħallashom direttament u li taqbeż ċerti limiti stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jiġu mċaħħda, minn naħa, minn ammont miżmum fuq il-parti ta' din il-pensjoni li teċċedi wieħed minn dawn il-limiti u, min-naħa l-oħra, mill-benefiċċju ta' indiċjar, li ġie miftiehem kuntrattwalment fir-rigward ta' din il-pensjoni.**

5) **L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jastjeni milli jipprevedi, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, rimedju awtonomu intiż, prinċipalment, sabiex tiġi eżaminata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw dan id-dritt, sakemm tkun teżisti l-possibbiltà ta' tali eżami b'mod inċidentali.**

Firem